MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 720/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Cassar Enterprises Limited (C822)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Lulju, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom p.l.c., bidlet isimha, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe C-22334, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat Bhala Dok IZY 1.

Illi s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnax-il elf, disa’ mija u wiehed u hamsin ewro u disghin centezmu (€12951.90) ekwivalenti ghal valuta antika ta’ hames telef, hames mija u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM5560.25),u dan in konnessjoni ma invoice hawn annessa markata DOK IZY 2 li hija naxxenti mill-kuntratt ta’ kiri kopja tieghu hawn anness markat DOK IZY 3 (GT 1493/2000).

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata biex thallas izda din baqghet inadempjenti;

Illi l-Avukat Dr Ingrid Zammit Young hija wkoll impjegata mas-socjeta’ attrici p.l.c. u taf b’dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat ma l-informazzjoni fil-file relattiv tas-socjeta’ attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni:

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnax-il elf, disa’ mija u wiehed u hamsin ewro u disghin centezmu (€12951.90) in konnessjoni mal-fattura hawn annessa;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet dekorribli mid-data tal-fattura jigifieri mit-28 ta’ Dicembru tas-sena 2001, kontra s-socjeta’ konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta Cassar Enterprises Limited, li in forza taghha hija eccepiet :

1. L-invoice meritu ta’ din il-kawza Dok IZY2 tispecifika li l-ammont hemm indikat huwa dovut skond “agreement dated 4th October, 2001”, u mhux kif qed

ighidu l-atturi “naxxenti mill-kuntratt ta’ kiri ….. Dok: IZY3”. IL-ftehim tal-4 ta’ Ottubru 2001 ghandu jigi prodott bhala sostenn tat-talba, u sa kemm dak il-ftehim ma jigix esebit it-talba attrici tibqa’ minghajr bazi u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

2. A parte u salv il-premess anqas ma jista’ jinghad li l-invoice DOK IZY 2 “hija naxxenti mill-kuntratt ta’ kiri ….. Dok: IZY3”. F’dak il-kuntratt giet inkluza klawsola li giet riportata minn kuntratt precedenti ta’ lokazzjoni, li kienet tistabilixxi li jekk il-kirja tigi estiza ghal sitta u tletin (36) xahar, is-sid kellu jirrifondi s-somma ta’ flus ekwivalenti ghal nofs il-prezz ta’ lift li kien gie installat fil-fond mikri. Dan l-ammont qatt ma sar dovut ghaliex l-ewwel kirja damet biss mis-27 ta’ April 1998 sas-27 ta’ Ottubru 1999, jigifieri tmintax il-xahar, u t-tieni kirja damet mis-27 ta’ Ottubru 1999 sas-27 ta’ Ottubru 2001, jigifieri sentejn.

3. Kollox jindika li l-atturi kienu jafu li ma setghux jesigu l-ammont minnhom pretiz ghaliex dan biss, akkoppjat mal-fatt li l-atturi kienu naqsu mill-obbligu taghhom li jirritornaw il-fond lis-sid f’kundizzjoni tajba kif jidher mid-Dok: ISZ4 u kien ikollhom jaghmlu tajjeb ghall-hsara, jista’ jispjega l-fatt li l-atturi baqghu siekta ghal kwazi hames snin, mis-27 ta’ Lulju 2003 sas-16 ta’ Lulju 2008 jum li fih ipprezentaw l-azzjoni odjerna minghajr anqas biss ma baghtu ittra interpellatorja ma tul dan il-perjodu.

4. L-atturi qed jitolbu ukoll hlas ta’ elf sitt mija disgha u tmemin ewro u tmienja u tletin centezmu (€1689.38), ekwivalenti ghal LM725.325, bhala taxxa ta’ valur mizjud (VAT). Fi kwalunkwe kaz l-ebda taxxa ma hi pagabbli.

5. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda l-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta Cassar Enterprises Limited ipprezentata fit-30 ta’ Ottubru, 2009, li in forza taghha hija eccepiet :

Peress illi ma tul is-smigh tal-provi tas-socjeta' attrici ma giex esebit il-ftehim tal-4 ta' Ottubru 2001 li fuqu hija bbazata din il-kawza nonostante l-insistenza tal-avukat sottoskritt, liema ftehim fil-fatt ma jistax jigi esibit ghaliex ma jezistix u jidher li r-riferenza kellha ssir ghall-ftehim tal-4 ta' Ottubru 1999.

Peress li minn dan jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija affetta mill-preskrizzjoni kwinkwennjali.

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta qeghda teccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni imressqa mis-socjeta' konvenuta fin-nota taghha tat-30 ta' Ottubru 2009;

Il-Qorti rat il-verbal taghha tat-3 ta' Dicembru, 2009 minn fejn irrizulta illi Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici u Dr Victor Borg Grech ghas-socjeta konvenuta iddikjaraw illi qeghdin jaqblu li l-ittra ufficjali bir-referenza 2495/06 imsemmija a fol. 4 tal-process ma ghandha x'taqsam xejn mal-kaz odjern;

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici ghamlet il-kawza odjerna sabiex tiehu minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u wiehed u hamsin ewro u disghin centezmu (€12951.90) ekwivalenti ghal valuta antika ta' hames telef, hames mija u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM5560.25) in konnessjoni ma invoice annessa mar-rikors guramentat markata Dok IZY 2;

Ikkunsidrat :

Illi l-invoice immarkata Dok IZY 2 tinsab a fol. 6 tal-process u tirreferi ghall-"reimbursement of 50% of the installation of a 4 passenger lift installed at Church Wharf, as quoted in Clause 7 in agreement dated 4th October 2001."

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda prodotta illi l-ftehim datat 4 ta' Ottubru 2001 ma jistax jigi prodott u dana peress illi, kif xehdet Dr Ingrid Zammit Young quddiem l-Assistent Gudizzjarju waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009 meta giet mitluba tipprezenta kopja tal-ftehim datat 4 ta' Ottubru, 2001 imsemmi fl-invoice Dok IZY 2, mill-investigazzjoni illi ghamlet l-istess Dr Zammit Young irrizulta illi min hareg l-invoice indika data zbaljata peress illi s-sena kellha tkun 1999 li huwa l-lease agreement datat 29 ta' Ottubru 1999.

Illi ghalhekk Dr Borg Grech ghas-socjeta' konvenuta, in vista ta' din ix-xiehda ta' Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici, eccepixxa il-preskrizzjoni kwinkenali, u dana peress illi l-ftehim mhuwiex datat 4 ta' Ottubru, 2001, izda is-sena, kif xehdet Dr Zammit Young, kellha tkun 1999, b'referenza ghall-lease agreement tad-29 ta' Ottubru 1999.

Illi l-lease agreement ta' Ottubru 1999 jinsab esebit a fol. 7 u 8 tal-process u permezz ta' dan il-lease agreement il-perjodu ta' kera gie estiz ghall-perjodu iehor ta' tlett snin li kellhom jibdew jghoddu mis-27 ta' Ottubru 1999.

Illi permezz ta' dan il-lease agreement u precizament f'paragrafu 5 tieghu il-partijiet irreferew ghall-klawsola 7 tad-Dokument X anness ma dan il-lease agreement fejn hemm miktub "the lessor undertakes to install a 4 passenger lift for which the lessee will pay 50% of the total cost."

Ikkunsidrat :

Illi meta parti f'kawza teccepixxi l-preskrizzjoni, l-oneru tal-prova illi l-azzjoni mhijiex fil-fatt preskritta ikun fuq il-parti l-ohra.  F'dan il-kaz, ghalhekk, kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici illi tipprova illi l-kawza ma kenitx preskritta.

Illi l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili fis-subiniciz (f) tieghu jipprovdi illi jaghalqu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor illi gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

Illi jinsab pacifikament akkolt fil-gurisprudenza nostrana illi jekk bniedem ikun jaf bi stat ta’ fatt illi jkun jintitolah jezercita dritt, u jhalli dak l-istat ta’ fatt jghaddi minghajr ma jagixxi u fil-frattemp iz-zmien ghal tali azzjoni ikun ghadda, jigi illi jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta’ dak id-dritt.

Illi l-Qorti, fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Ottubru, 2004 fl-ismijiet Francis Paris et vs Anthony Agius et fejn il-Qorti kienet ezaminat diversi sentenzi fosthom “Spiteri vs Petrococchino et”, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Jannar, 1919, “Saliba vs Grech”, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Frar, 1949, “Falzon vs Gauci Maistre et”, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Frar, 1952, “Mifsud vs Pullicino”, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Ottubru, 1954, “Buttigieg vs Caruana”, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Frar, 1955, “Spiteri vs Aquilina”, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta’ Gunju, 1958, “Anastasi vs Mallia noe et”, deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’ Frar, 1974, u “Grima vs Cassar Galea”, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Dicembru, 1966. Il-Qorti qalet illi minn din il-gurisprudenza jidher car li l-paragrafu (f) in dizamina ghandu jircievi interpretazzjoni in bazi ghar-regola ta’ l-ejusdem generis in korrelazzjoni max-xorta ta’ krediti msemmija fl-incizi li jigu qabel l-istess artikolu, u mhuwiex accettabbli interpretazzjoni estensiva ta’ dan il-paragrafu. Ghalhekk l-espressjoni “kull kreditu iehor” jidher li dejjem giet interpretata bhala li tirreferi ghal kreditu ta’ flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus. Il-Qorti kompliet tghid illi fejn il-kreditu mhux ta’ flus jew ma jkollux l-istess natura bhala flus, il-paragrafu (f) ta’ l-artikolu 2156 mhux applikabbli. Hekk, per ezempju, il-kreditu naxxenti mill-

*actio pauliana* ma jaqax taht il-preskrizzjoni kkontemplata f'dan il-paragrafu (f) (ara "Spiteri vs Petrococchino"*)*.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern, l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa in konnessjoni ma invoice annessa mar-rikors guramentat u immarkata Dokument IZY 2.

Illi kif diga intqal hija l-invoice markata Dok IZY 2 inharget "for reimbursement of 50% of the installation of a 4 passenger lift installed at Church Wharf, as quoted in Clause 7 in agreement dated 4th October 2001."

Illi kif diga intqal ukoll, gie ammess minn Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici illi f'din l-invoice illi tinsab esebita a fol. 6 tal-process hemm riferenza zbaljata ghall-ftehim datat 4 ta' Ottubru 2001 u dana peress illi r-referenza kellha issir ghall-ftehim tal-4 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat :

Illi l-ammont pretiz huwa dak ta' flus illi jirrapprezentaw hamsin fil-mija (50%) tal-prezz tal-istallazzjoni tal-lift, kif imsemmi fl-invoice a fol. 6 tal-process.

Illi ghalhekk l-invoice in kwistjoni mhijiex mahruga skond il-ftehim datat 4 ta' Ottubru 2001, izda tirreferi ghall-ftehim datat 4 ta' Ottubru 1999.

Illi l-kawza odjerna giet ipprezentata fis-16 ta' Lulju, 2008 u ghalhekk il-Qorti tara li s-socjeta' konvenuta irnexxielha tipprova il-preskizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, bl-akkoljament ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai terminu tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili sollevata mis-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' attrici; bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------